MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2014

Numru. 247/2005

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Carmelo Bartolo)**

**vs**

**Sandro Spiteri**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Sandro Spiteri ta’ 28 sena, iben Joseph u Mary nee` Buttigieg, imwieled Pieta` nhar l-24 ta’ Frar 1977 u li joqghod Block G, Flat 4, Ta’ Ganza Housing Estate, Zejtun, li ghandu l-karta tal-identita` bin-numru 145577(M):

Akkuzat talli matul ix-xahar ta’ Awwissu tas-sena 2000, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:-

1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2) Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicina Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi

Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) U fl-ahharnett akkuzat talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, kiser il-provvediment tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta (illum l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta) meta b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, gie moghti l-liberta` bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sena, liema sentenza li hija datata 23 ta' Novembru 1999 saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

a) <u>Traffikar ta' droga eroina matul ix-xahar ta' Awwissu tas-sena 2000 u fix-xhur ta' qabel</u>

Fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2006, xehed **l-Ispettur (illum Supretendent) Carmelo Bartolo**[1] li spjega x'kien li wassal ghall-arrest u l-interrogazzjoni tal-imputat. Wara li f'Awwissu tas-sena 2000, huwa kien ottjena xi informazzjoni minghand terza persuna li riedet tibqa' anonima, in konnessjoni ma' bejgh ta' droga eroina u dan fir-rigward tal-imputat, u sussegwentement rega' ottjena informazzjoni gdida fir-rigward tal-istess imputat fi Frar tas-sena 2001, kemm in konnessjoni ma' droga, kif ukoll dwar xi involviment li seta' kellu l-imputat f'serq, huwa arresta lill-imputat, li ammetta l-involviment tieghu kemm f'diversi serqiet li kkommetta huwa stess, kif ukoll dwar bejgh ta' droga eroina. Matul din ix-xhieda tieghu, l-Ispettur Bartolo esebixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-4 ta' Frar 2001. Huwa spjega wkoll illi tfittxija li saret fir-residenza tal-istess imputat irrizultat fin-negattiv, in kwantu jirrigwarda abbuz ta' droga.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fid-data msemmija[2], wara li nghata d-debita twissija fis-sens illi ma kienx obbligat li jwiegeb ghall-ebda domanda u li dak kollu li kien ser jghid seta' jingieb bhala prova, l-imputat spjega fit-tul u ta dettalji shah dwar numru ta' serqiet li kien ikkommetta minn diversi postijiet. Fl-istess stqarrija, mistoqsi x'kellu xi jghid dwar informazzjoni li kellha l-Pulizija, fis-sens illi f'Awwissu tas-sena 2000 huwa kien gieli jbiegh xi droga, l-imputat wiegeb illi huwa gieli biegh xi droga ("*affarijiet zghar ta' droga*"[3]) sabiex imantni l-vizzju li kellu ghaliex kien jabbuza mid-droga eroina. Qal li per ezempju, huwa kien jixtri nofs gramma eroina bil-prezz ta' ghoxrin Lira Maltin u minnha, kien johrog erba' pakketti tal-ghaxar Liri Maltin u ghalhekk minn dawn l-erba' pakketti kien jaqla' ghoxrin Lira, biex b'hekk ikollu biex jixtri nofs gramma ohra. Meta kien jaqta' din in-nofs gramma, ma kienx izidha b'affarijiet u lanqas ma kien juza mizien biex jaqsamha, izda kien jikkalkula fuq ghajnejh. Kien ibiegh id-droga qisu dejjem lill-istess tliet persuni. Dan ma kienx jaghmlu ghall-qliegh, izda sabiex ikollu biex jixtri d-droga eroina ghalih. L-imputat qal ukoll illi "*<u>ghal habta ta' Awissu li ghadda u cioe` tas-sena 2000 kien hemm bosta drabi li bieghejt droga eroina b'dan il-mod</u>. Ma nistax nghid li bieghejt*

[1] A fol. 9 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 13 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 15 tal-process.

*kuljum imma erbgha darbiet f'gimgha bieghejt*".[4] Huwa qal ukoll illi huwa waqaf jaghmel dan xi erba' xhur qabel meta gie arrestat fuq pakkett ta' droga li kellu u tqieghed taht Ordni ta' *Probation* u ddecieda li jibda programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Fis-seduta tat-30 ta' April 2010, id-difiza ddikjarat illi ma kienx hemm il-htiega li jittellghu xhieda dwar il-volontarjeta` tal-istqarrija tal-imputat u illi din l-istqarrija ttiehdet volontarjament u minghajr theddid.[5]

Permezz ta' nota pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Lulju 2013, id-difiza esebiet sentenza moghtija fit-3 ta' Lulju 2009, minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fil-konfront tal-imputat fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) vs Sandro Spiteri'.[6] Permezz ta' dik is-sentenza, l-imputat kien instab hati *inter alia* talli fit-13 ta' Novembru 2001 u matul il-gimghat ta' qabel din id-data, huwa forna jew ipprokura d-droga eroina, kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu l-istess droga f'cirkostanzi li kienu juru li din ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Fil-kunsiderazzjonijiet taghha, kemm dwar il-htija kif ukoll dwar il-piena, f'dik is-sentenza, il-Qorti kkunsidrat illi l-imputat inniffsu kien stqarr illi kien ilu madwar xahrejn ibiegh l-eroina kuljum.

Fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2014, xehed **Sandro Spiteri**[7] li qal illi fil-bidu huwa kien qed jigi nvestigat dwar serq ta' *stereos* minn karozzi u waqt li kien qieghed jirrilaxxja stqarrija, lejn l-ahhar, huwa gie mistoqsi jekk jiehux droga. Qal li dakinhar ma rrizulta xejn dwar serq, izda waqt l-istqarrija tieghu, huwa ammetta li dak iz-zmien kien jiehu d-droga u qal illi dan kien minnu. Huwa kien ilu jabbuza mid-droga eroina mis-sena 1996 u kkonferma li sas-sena 2001 kien jiehu l-eroina u l-*methadone*. Mistoqsi x'kien spjega dwar il-bejgh da parti tieghu tad-droga eroina fis-sena 2000, huwa wiegeb illi huwa diga` kien gie investigat mill-Ispettur Ciappara dak iz-zmien dwar droga. Kien ammetta dwar

[4] A fol. 16 tal-process.
[5] A fol. 40 tal-process.
[6] A fol. 57 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 64 sa 76 tal-process.

il-bejgh tad-droga hdejn id-*Detox,* izda kien qed jirreferi ghall-kaz tal-Ispettur Ciappara u kien dwar dan li tkellem mas-Supretendent. Fuq mistoqsija tal-avukat difensur, huwa kkonferma li kien jixtri gramma eroina u jbiegh nofsha biex in-nofs l-iehor jigih b'xejn u li dan kien jaghmlu hdejn id-*Detox.* Qal li l-atti ta' traffikar li tkellem dwarhom fl-istqarrija, kienu l-istess atti li dwarhom instab hati sussegwentement permezz tas-sentenza esebita mid-difiza.

In kontro-ezami, l-imputat kkonferma illi huwa kien ammetta fl-istqarrija dwar l-involviment tieghu f'diversi serqiet u kien anke inghata piena ta' prigunerija sospiza. Mistoqsi meta kien investigah l-Ispettur Ciappara u cioe` jekk kienx investigah qabel jew wara li nvestigah is-Supretendent Bartolo dwar is-serq, huwa qal li ma kienx jiftakar. B'referenza ghall-kaz li dwaru gie investigat mill-Ispettur Ciappara f'Novembru 2001, l-imputat qal illi kien hdejn id-*Detox,* fil-hanut tal-kantuniera u nqabad mill-pulizija b'zewg pakketti. Meta gie investigat mill-Ispettur Ciappara, huwa kien gie mistoqsi wkoll dwar x'kien ghamel fiz-zmien ta' qabel. Huwa kkonferma li kien ibiegh qabel Frar 2001 u cioe` qabel investigah is-Supretendent Bartolo u baqa' jbiegh matul is-sena 2001, sakemm inqabad u tressaq il-Qorti mill-Ispettur Ciappara u dan b'referenza ghall-kaz ta' Novembru 2001. Sussegwentement, waqaf ibiegh id-droga ghaliex ghamel programm li dahal fih fis-sena 2002. Dam seba' xhur fil-programm u dahal il-habs fis-sena 2008 meta gie deciz il-kaz li tressaq dwaru mill-Ispettur Ciappara. Dan huwa l-ahhar kaz tieghu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi f'dan il-kaz, id-difiza m'hijiex tikkontesta l-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu fl-4 ta' Frar 2001, kif lanqas m'hija qeghda tikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija, a bazi tal-fatt illi din ittiehdet fiz-zmien meta l-imputat ma setax jiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni tieghu. Fix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri, fil-fatt l-imputat rega' kkonferma dak li kien qal fl-istqarrija rilaxxjata minnu. Skond id-difiza, madankollu, l-imputat diga` tressaq u nstab hati tal-imputazzjonijiet odjerni permezz ta'

sentenza tat-3 ta’ Lulju 2009, liema sentenza kienet tirreferi ghal atti ta’ traffikar ta’ droga eroina fil-perjodu ta’ Novembru 2001 u l-gimghat ta’ qabel. Id-difiza ssostni illi l-atti li nstab hati taghhom l-imputat permezz ta’ din is-sentenza huma ripetizzjoni tal-istess fatti li huwa kien tkellem dwarhom fl-istqarrija tieghu mas-Supretendent Bartolo u li huwa baqa’ jaghmel l-istess att u jikkommetti l-istess reat mis-sena 2000 sas-sena 2001. Id-difiza ssostni li dan huwa reat kontinwat u li l-ligi tipprovdi dwar il-kontinwita` ta’ reat a beneficcju tal-imputat. Skond id-difiza ghalhekk, sabiex l-imputat imantni l-vizzju tieghu tad-droga eroina, huwa traffika l-istess droga b’mod kontinwat miz-zmien li fih irrefera fl-istqarrija odjerna saz-zmien li nqabad mill-pulizija f’Novembru 2001 u li fir-rigward ta’ dan il-kaz, l-imputat diga` gie gudikat u kkundannat dwar ir-reati li huwa ammetta li kkommetta fl-istqarrija odjerna, permezz tas-sentenza tat-3 ta’ Lulju 2009.

Issa jirrizulta car illi fil-waqt illi l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu ghax-xahar ta’ Awwissu tas-sena 2000 u x-xhur ta’ qabel, l-imputazzjonijiet mertu tas-sentenza li fuqha qed tistrieh id-difiza ossia dik tat-3 ta’ Lulju 2009, jirreferu ghat-13 ta’ Novembru 2001 u l-gimghat ta’ qabel din id-data. Huwa evidenti, fil-fehma tal-Qorti, illi l-perjodi li ghalih jirreferu dawn l-imputazzjonijiet huma totalment differenti u distinti minn xulxin. Il-perjodu mertu tas-sentenza tat-3 ta’ Lulju 2009 – 13 ta’ Novembru 2001 u l-gimghat ta’ qabel din id-data – bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista’ jigi meqjus bhala li jirrisali lura ghal Awwissu tas-sena 2000. Bil-kliem ‘gimghat’ il-Qorti tifhem proprju dan ossia ‘gimghat’ u mhux xhur jew addirittura snin. Mis-sentenza esebita mid-difiza, kif inghad izjed ‘il fuq, jirrizulta wkoll illi fil-kunsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti kienet irreferiet ghall-fatt illi l-imputat kien stqarr illi kien ilu jbiegh l-eroina madwar xahrejn, liema fatt il-Qorti haditu wkoll in konsiderazzjoni ghal fini ta’ piena. Ghalhekk jirrizulta car illi l-imputat, b’dik is-sentenza ma giex iggudikat dwar l-istess fatti mertu ta’ din il-kawza jew dwar ir-reati li huwa kkommetta fil-perjodu indikat fic-citazzjoni odjerna. Ghalkemm l-imputat fix-xhieda tieghu jghid li kien hemm kontinwita` fl-agir tieghu, fis-sens illi huwa kien u baqa’ jbiegh l-eroina sabiex imantni l-vizzju tieghu minn qabel iz-zmien li fih gie

investigat mis-Supretendent Bartolo fi Frar 2001 sa Novembru 2001[8], ma jfissirx illi tali kontinwita` ghandha b'xi mod tibbenefika lill-imputat fis-sens illi la darba huwa diga` gie gudikat u kkundannat dwar perjodu specifiku u limitat, huwa m'ghandux jigi gudikat u kkundannat ghal kwalunkwe att simili jew identiku li huwa kkommetta qabel dan il-perjodu. Verament illi li reat jigi meqjus bhala wiehed kontinwat, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa a beneficcju tal-imputat, izda tali beneficcju jista' japplika biss fir-rigward tal-perjodu specifiku li dwaru jkun qieghed jigi gudikat u kkundannat l-imputat u mhux ukoll fir-rigward ta' kwalunkwe perjodu iehor precedenti ghal dan jew reati passati identici li ma jkunux mertu ta' dak il-gudikat. Ghaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta din is-sottomissjoni tad-difiza.

Kif inghad izjed 'il fuq, fl-istqarrija tieghu l-imputat qal illi ghall-habta ta' Awwissu tas-sena 2000, huwa kien ibiegh id-droga eroina sabiex imantni l-vizzju tieghu. L-imputazzjonijiet odjerni jirreferu proprju ghal dan il-perjodu u cioe` ghax-xahar ta' Awwissu 2000 u x-xhur ta' qabel. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ppruvat sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu, zmien u cirkostanzi, ossia fix-xahar ta' Awwissu 2000 u fix-xhur ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina.

Dwar din l-imputazzjoni, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2014, il-Qorti ordnat lill-Ufficjal Prosekutur sabiex jipprezenta l-ewwel riferta tan-notifika tal-imputat f'dawn il-proceduri. Sussegwentement, fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2014, l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li ma kellux din ir-riferta.

[8] Fl-istqarrija madankollu, u kuntrarjament ghal dan, l-imputat jghid illi huwa waqaf ibiegh id-droga xi erba' xhur qabel ossia ghalhekk ghall-habta ta' Ottubru 2000 (a fol. 16 tal-process).

Jirrizulta mill-atti illi fil-waqt illi l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu ghax-xahar ta' Awwissu 2000 u x-xhur ta' qabel din id-data, l-imputat deher l-ewwel darba quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, fit-18 ta' Novembru 2005. Kif inghad, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex a disposizzjoni taghha, l-ewwel riferta tan-notifika tal-imputat u ghalhekk, kif anke gie ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Bartholomew Bonnici</u>** tal-31 ta' Ottubru 2013, la darba fl-atti m'hemm l-ebda riferta tan-notifika tal-imputat sal-ewwel seduta, l-unika data li l-Qorti tista' torbot fuqha ghal fini ta' notifika hija d-data tal-ewwel seduta u cioe` dik tat-18 ta' Novembru 2005, fejn bil-presenza tieghu, l-imputat kien qed jikkonferma tali notifika u jissottometti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti.

It-tieni imputazzjoni tirreferi ghall-pussess semplici ta' droga eroina u ghaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija preskrivibbli b'terminu ta' hames snin.

Dwar dan il-punt ossia dwar jekk din l-azzjoni hijiex preskritta o meno stante li l-perjodu ta' hames snin lahaq ghadda mid-data li ghaliha tirreferi t-tieni imputazzjoni sad-data tal-ewwel seduta, il-Prosekuzzjoni ghamlet referenza ghall-Artikolu 692 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, skond liema "*iz-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf*". Skond il-Prosekuzzjoni, stante illi sa Frar 2001, l-unika informazzjoni li kellha l-pulizija fir-rigward tal-imputat kienet informazzjoni anonima u la darba ghalhekk kien biss fi Frar tas-sena 2001 – meta l-imputat gie investigat u rrilaxxja l-istqarrija tieghu - illi l-pulizija attwalment ikkonfermat illi l-imputat kien fil-fatt jabbuza mid-droga eroina u jbieghha sabiex imantni l-vizzju tieghu, il-perjodu preskrittiv ta' hames snin kellu jibda jiddekkori mid-data tal-istqarrija u mhux mid-data tal-allegat reat, ghaliex kien f'dan il-punt illi huwa sar maghruf. Dwar dan id-difiza sostniet illi l-interpretazzjoni li dejjem inghatat ghal dan l-artikolu tal-ligi hija illi l-imputat jitqies li ma jkunx maghruf minhabba maniggi u raggiri da parti tieghu stess u ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' tali maniggi u raggiri, li ma jirrizultawx f'dawn il-proceduri, il-Qorti ghandha

tikkunsidra d-data li ghaliha tirreferi l-imputazzjoni odjerni, bhala d-data li minnha ghandu jibda jiddekkori t-terminu tal-preskrizzjoni.

Dwar dan il-punt, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni. Il-maniggi u r-raggiri tal-imputat in konnessjoni mal-preskrizzjoni o meno tal-azzjoni, huma izjed relevanti ghal fini tal-Artikolu 693(2) tal-Kap. 9 li jitkellem dwar meta l-imputat jinheba jew jitlaq minn Malta. Fil-kaz ravvizat fl-Artikolu 692, m'hemmx kwistjonijiet ta' maniggi jew raggiri, izda dak li ghandu jigi stabbilit huwa jekk l-imputat kienx maghruf jew le in konnessjoni mar-reat odjern. F'dan il-kaz, jirrizulta illi ghalkemm il-pulizija kellha xi indikazzjonijiet dwar l-imputat, biss dawn kienu bazati sempliciment fuq informazzjoni anonima. Jirrizulta wkoll illi kien biss fi Frar tas-sena 2001 ossia meta ttiehdet l-istqarrija tal-imputat in konnessjoni ma' kazijiet ta' serq illi l-pulizija kkonfermat ghall-ewwel darba dawn l-indikazzjonijiet. Ghaldaqstant, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni fis-sens illi l-perjodu preskrittiv kellu jibda jiddekkorri mill-4 ta' Frar 2001 (id-data tal-istqarrija) u mhux mid-data li ghaliha tirreferi l-imputazzjoni u ghaldaqstant, l-azzjoni m'hijiex preskritta.

Issa la darba l-imputat ammetta illi fl-imsemmi zmien ta' Awwissu tas-sena 2000, huwa kien ibiegh id-droga eroina sabiex isostni l-vizzju tieghu, isegwi wkoll necessarjament illi huwa kellu d-droga eroina fil-pussess tieghu, kif *del resto* ammetta huwa stess fl-istqarrija rilaxxjata minnu u anke fix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, anke t-tieni imputazzjoni giet sodisfacentement ppruvata mill-prosekuzzjoni fil-grad rikjest mil-ligi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, huwa kiser il-provvediment tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta (illum l-Artikolu 22 tal-Kap. 446) u dan stante li permezz ta' sentenza tat-23 ta' Novembru 1999, huwa kien inghata ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata. Il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, datata 23 ta' Novembru 1999, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Sandro Spiteri',[9] mil-liema sentenza jirrizultaw il-konnotati tal-imputat fil-kaz mertu ta' dik is-sentenza. Jirrizulta wkoll illi dawn il-konnotati jaqblu mal-konnotati tal-imputat odjern. Permezz ta' dik is-sentenza, l-imputat kien instab hati tal-imputazzjonijiet kollha u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mid-data tal-istess sentenza. Ghaldaqstant, stante illi r-reati odjerni gew kommessi mill-imputat f'Awwissu tas-sena 2000 u x-xhur ta' qabel, jirrizulta wkoll illi dawn gew kommessi minnu fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza. Il-Qorti tqis ghalhekk illi anke din l-imputazzjoni giet ppruvata mill-Prosekuzzjoni fil-grad rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, huwa kkopera mal-pulizija fl-investigazzjoni taghha, tant illi dawn il-proceduri ttiehdu a bazi tal-istqarrija rilaxxjata minnu.

Qieset ukoll illi l-imputazzjonijiet odjerni jirrisalu ghas-sena 2000. Jirrizulta mill-atti illi l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jgib id-data tat-28 ta' Lulju 2005 u li l-ewwel seduta giet mizmuma fit-18 ta' Novembru 2005. Il-Prosekuzzjoni ressqet il-provi taghha fis-seduti tal-14 ta' Lulju 2006, tat-3 ta' Lulju 2009 u tat-30 ta' April 2010 u ddikjarat li kienet qeghda taghlaq il-provi taghha fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2012 u dan meta bejn id-data tal-ewwel seduta u tal-15 ta' Gunju 2012, inzammu dsatax-il seduta (l-ewwel u l-ahhar seduta tal-15 ta' Gunju 2012

[9] A fol. 35 *et seq* tal-process.

eskluzi), li fihom, hlief ghas-seduti hawn fuq imsemmija, ma gara xejn, tant illi l-Qorti kif diversament preseduta, fi tlett okkazzjonijiet gibdet l-attenzjoni tal-Prosekuzzjoni ghad-dewmien taghha sabiex tressaq il-provi. Ghaldaqstant, ghal fini ta’ pieni il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni t-trapass taz-zmien u li dan ma kienx dovut ghal ragunijiet imputabbli lill-imputat jew nuqqasijiet attribwibbli lilu.

Hadet ukoll in konsiderazzjoni ix-xhieda ta’ Dr. Damien Spiteri[10], *social worker*, li tkellem b’mod pozittiv dwar l-imputat, illi huwa seta’ jara li l-imputat kien miexi l-quddiem f’hajtu, li kien qed jahdem, li l-imputat stess kien qallu li ma kienx baqa’ jabbuza mid-droga u li huwa seta’ jikkonferma, mill-esperjenza tieghu, illi dan kien minnu. L-imputat xehed ukoll illi fis-sena 2002, huwa kien dahal f’programm ghar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga u li ghamel seba’ xhur f’dan il-programm.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, ghalkemm il-Qorti hija marbuta li timponi piena ta’ prigunerija effettiva ghar-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni – u f’dan il-kaz partikolari li kieku ma kinitx hekk marbuta, ma kinitx tapplika tali piena u dan mhux ghaliex ir-reat fih inniffsu m’huwiex wiehed serju izda tenut kont tat-trapass taz-zmien - il-Qorti qeghda tapplika piena fil-minimu taghha.

Fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta stante illi r-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta’ jigi kommess ir-reat fl-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 17(d) u 17(f) fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u r-reati li dwarhom qed titratta mal-imputat, mertu tas-sentenza tat-23 ta’ Novembru 1999, ai fini tat-tielet imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

---

[10] A fol. 41 *et seq* tal-process.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 17(d), (f) u (h) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta (fiz-zmien tar-reati odjerni, l-Artikolu 10 tal-Kap. 152), qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ghal **piena ta' sitt xhur prigunerija** u **multa ta' hames mitt Euro (€500)**.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni u dwar ir-reati mertu tas-sentenza datata 23 ta' Novembru 1999, moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Sandro Spiteri', il-Qorti qeghda titratta mal-hati dwar l-imputazzjonijiet li dwarhom huwa kien instab hati permezz ta' dik is-sentenza daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u fil-waqt li ghal kull buon fini qeghda tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imputazzjonijiet mertu ta' dik is-sentenza, wara li rat l-Artikoli 85, 221(1) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 (dak iz-zmien l-Artikolu 10 tal-Kap. 152) u l-Artikoli 17(d) u (f) tal-Kap. 9, tikkundannah ghal piena ta' **multa ta' mija u hamsin Euro (€150)**.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ammont totali tal-multa li l-hati qieghed jigi kkundannat ihallas b'din is-sentenza, ossia l-ammont ta' sitt mija u hamsin Euro (€650) jista' tithallas minnu b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li l-hati jiskonta l-piena ta' prigunerija li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------